II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1929

tal-31 ta' Marzu 2022

li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1227 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' mudelli għall-forniment ta' informazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 27(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1227 ([2]) jistabbilixxi l-użu ta' mudelli għall-forniment ta' informazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' notifika sempliċi, trasparenti u standardizzata (STS). B'mod partikolari, l-Annessi I sa III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1227 jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għal titolizzazzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti STS stabbiliti fl-Artikoli 19 sa 22 u fl-Artikoli 23 sa 26 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) emenda r-Regolament (UE) 2017/2402 permezz tal-estensjoni tal-qafas għat-titolizzazzjoni STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ. B'konformità ma' dan, jenħtieġ li jiġi speċifikat il-mudell għall-forniment tal-informazzjoni b'konformità mar-rekwiżit ta' notifika STS fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ.

(3) Sabiex l-investituri, l-investituri potenzjali u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw ħarsa komparattiva ġenerali tat-tipi kollha ta' titolizzazzjonijiet STS, huwa xieraq li tiġi żgurata l-konsistenza fin-notifiki STS kollha. Għaldaqstant, il-mudell ta' notifika għat-titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ jenħtieġ li jsegwi l-format tal-mudell għat-titolizzazzjonijiet tradizzjonali STS, filwaqt li jqis ukoll ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-ftehimiet ta' protezzjoni tal-kreditu u r-rwol tal-aġent ta' verifika ta' parti terza stipulati fl-Artikolu 26e tar-Regolament (UE) 2017/2402.

([1]) ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1227 tat-12 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' mudelli għall-forniment ta' informazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 315).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 1).

(4) Il-format għal kull wieħed mill-oqsma li għandhom jiġu rrapportati fin-notifikazzjoni ta' titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ u kwalunkwe informazzjoni ppreżentata lill-ESMA jenħtieġ li tiġi ppreżentata elettronikament.

(5) L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1227 jirrifletti l-emendi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 ([4]) stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022:1301 ([5]).

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1227 jiġi emendat skont dan.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.

(8) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li huma l-bażi ta' dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1227

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1227 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (d), u l-Artikolu 1(2), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 għandha tiġi pprovduta bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Jekk l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont dan l-Artikolu ma tkunx disponibbli jew meħtieġa minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Artikoli 43 u 43a tar-Regolament (UE) 2017/2402, in-notifika għandha tiddikjara 'Mhux applikabbli minħabba l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tranżitorji' fil-qasam jew l-oqsma rilevanti tal-Annessi ta' dan ir-Regolament";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 għandha tiġi inkluża fil-qasam 'Kaxxa li trid timtela' tal-Annessi I sa IV ta' dan ir-Regolament.";

(2) L-Annessi I, II u III huma emendati kif stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(3) Jiżdied l-Anness IV, kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 tat-12 ta' Novembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 285).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1301 ta' 26 ta' July 2022 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ (ĠU L 197, 26.7.2022, p. 10).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi I, II u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1227 huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness I, fit-tabella "Formola ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet mhux ABCP", ir-ringieli li jikkorrispondu għall-kodiċijiet tal-oqsma STSS4, STSS17, STSS21 u STSS22 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"STSS4	Identifikatur uniku		{ALPHANUM-1000}
STSS17	Oriġinatur (jew mutwant oriġinali) huwa istituzzjoni ta' kreditu		{Y/N}
STSS21	Soġġett għal irkupru sever		{ALPHANUM-10000}
STSS22	Eżenzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' rkupru fil-liġijiet nazzjonali dwar ta' insolvenza		{ALPHANUM-10000}"

2. Fl-Anness II, fit-tabella "Formola ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet ABCP", ir-ringieli li jikkorrispondu għall-kodiċijiet tal-oqsma STSAT4, STSAT17, STSAT21 u STSAT22 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"STSAT4	Identifikatur uniku		{ALPHANUM-1000}
STSAT17	Oriġinatur (jew mutwant oriġinali) huwa istituzzjoni ta' kreditu		{Y/N}
STSAT21	Soġġett għal irkupru sever		{ALPHANUM-10000}
STSAT22	Eżenzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' rkupru fil-liġijiet nazzjonali dwar ta' insolvenza		{ALPHANUM-10000}"

3. Fl-Anness III, fit-tabella "Formola ta' notifika STS għal Programmi ABCP", ir-ringieli li jikkorrispondu għall-kodiċi tal-oqsma STSAT4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"STSAP4	Identifikatur uniku		{ALPHANUM-1000}"

ANNESS II

"ANNESS IV

Formats ta' qasam li għandhom jiġu applikati fil-formola ta' notifika STS

SIMBOLU	TIP TA' *DATA*	DEFINIZZJONI
{ALPHANUM-n}	Sa n karattri alfanumeriċi	Kamp tat-test liberu. Jenħtieġ li jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{COUNTRYCODE_2}	2 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż b'2 ittri, kif definit mill-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alpha-2. Jenħtieġ li jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{CURRENCYCODE_3}	3 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż bi 3 ittri, kif definit mill-kodiċijiet tal-pajjiż ISO 4217. Jenħtieġ li jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{DATEFORMAT}	Il-format tad-*data* ISO 8601	Id-dati għandu jkollhom il-format li ġej: SSSS-XX-JJ
{Y/N}	karattru alfanumeriku wieħed (1)	"veru"- V "falz" – N
{ISIN}	12 karattri alfanumeriċi	Kodiċi ISIN, kif definit fl-ISO 6166
{LEI}	20 karattri alfanumeriċi	Identifikatur ta' entità ġuridika kif definit f'ISO 17442

Formola ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSSY 1	L-ewwel punt ta' kuntatt		{LEI}
STSSY 2	Data ta' notifika		{DATEFORMAT}
STSSY 3	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument		{ISIN}
STSSY 4	Identifikatur ta' Entità Ġuridka (Legal Entity Identifier — "LEI")		{LEI}
STSSY 5	Il-bejjiegħ tal-protezzjoni		{ALPHANUM-100}
STSSY 6	Identifikatur tan-notifika		{ALPHANUM-100}
STSSY 7	Identifikatur uniku		{ALPHANUM-1000}
STSSY 8	Repożitorju tat-Titolizzazzjoni		{ALPHANUM-100}
STSSY 9	Pajjiż ta' stabbiliment		{COUNTRYCODE_2}
STSSY 10	Klassifikazzjoni ta' titolizzazzjoni sintetika		{LEI}
STSSY 11	Titolizzazzjoni sintetika bi protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata		{LEI}
STSSY 12	Jintuża l-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Kreditu		{LEI}
STSSY 13	Klassifikazzjoni ta' skoperturi sottostanti		{LEI}
STSSY 14	Data tal-ħruġ		{DATEFORMAT}
STSSY 15	Verifikatur ta' Parti Terza Awtorizzata — dikjarazzjoni		{ALPHANUM-100}

STSSY 16	Veritifikatur ta' parti terza awtorizzata – isem u pajjiż ta' stabbiliment		{COUNTRYCODE_2}
STSSY 17	Verifikatur ta' Parti Terza Awtorizzata — awtorità kompetenti		{ALPHANUM-100}
STSSY 18	Status STS		{ALPHANUM-1000}
STSSY 19	L-oriġinatur huwa entità taħt superviżjoni fl-Unjoni		{ALPHANUM-1000}
STSSY 20	Oriġinatur li japplika l-politiki tal-iskoperturi tal-parti terza mixtrija		{ALPHANUM-10000}
STSSY 21	Oriġinazzjoni ta' skoperturi sottostanti		{ALPHANUM-10000}
STSSY 22	Assi miżmuma fuq il-karta tal-bilanċ tal-oriġinatur fl-għeluq tat-tranżazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSSY 23	Kategorija tal-grupp		{ALPHANUM-1000}
STSSY 24	L-ebda ħtieġjar ulterjuri tal-iskopertura tal-oriġinatur		{ALPHANUM-1000}
STSSY 25	Ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li jissodisfa l-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013		{ALPHANUM-1000}
STSSY 26	Ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li jissodisfa regoli oħra ta' mitigazzjoni tal-kreditu		{ALPHANUM-10000}
STSSY27	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Titolu legali għall-iskoperturi sottostanti		{ALPHANUM-10000}
STSSY28	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — L-oriġinatur iżomm ir-riskju tal-kreditu tal-assi sottostanti		{ALPHANUM-10000}
STSSY29	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Konformità tal-iskopertura mal-kriterji tal-eliġibbiltà		{ALPHANUM-10000}
STSSY30	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Obbligu legali u infurzabbli lid-debitur		{ALPHANUM-10000}
STSSY31	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Kriterji ta' sottoskrizzjoni		{ALPHANUM-10000}
STSSY32	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Ma hemmx debituri fi ksur materjali jew f'inadempjenza		{ALPHANUM-10000}
STSSY33	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — L-ebda informazzjoni falza fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni		{ALPHANUM-10000}
STSSY34	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Eżegwibbiltà u l-possibbiltà tal-ġbir tal-iskoperturi sottostanti		{ALPHANUM-10000}
STSSY35	Kriterji ta' eliġibbiltà li ma jippermettux immaniġġjar tal-portafoll attiv tal-iskoperturi sottostanti fuq bażi diskrezzjonali		{ALPHANUM-10000}
STSSY36	Eżenzjoni mill-projbizzjoni tal-ġestjoni tal-portafoll attiv		{ALPHANUM-10000}
STSSY37	Skopertura miżjuda wara d-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni li tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà		{ALPHANUM-10000}

STSSY 38	Skopertura mħallsa għalkollox		{ALPHANUM-10000}
STSSY 39	Skoperturi sottostanti mhux utilizzabbli		{ALPHANUM-10000}
STSSY 40	Emenda mhux iġġenerata mill-kreditu		{ALPHANUM-10000}
STSSY 41	Kriterji ta' eliġibbiltà mhux issodisfati		{ALPHANUM-10000}
STSSY 42	Omoġeneità tal-assi		{ALPHANUM}
STSSY 43	Tip ta' assi wieħed biss		{ALPHANUM}
STSSY 44	Obbligi li huma kuntrattwalment vinkolanti u eżegwibbli		{ALPHANUM-10000}
STSSY 45	Pagament perjodiku definit		{ALPHANUM}
STSSY 46	Rikavat mill-bejgħ ta' assi		{ALPHANUM}
STSSY 47	Titolu mhux trasferibbli		{ALPHANUM}
STSSY 48	Ebda rititolizzazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSSY 49	Standards ta' sottoskrizzjoni żvelati lil investituri potenzjali		{ALPHANUM-1000}
STSSY 50	Rikors sħiħ għal debitur		{ALPHANUM-1000}
STSSY 51	Standards ta' sottoskrizzjoni — L-ebda parti terza		{ALPHANUM-1000}
STSSY 52	Standards ta' sottoskrizzjoni — Self residenzjali		{ALPHANUM-1000}
STSSY 53	Standards ta' sottoskrizzjoni — Valutazzjoni tal-mutwatarju		{ALPHANUM-1000}
STSSY 54	Għarfien espert tal-oriġinatur jew tal-mutwanti oriġinali		{ALPHANUM-1000}
STSSY 55	L-ebda skopertura fl-inadempjenza		{ALPHANUM-10000}
STSSY 56	L-ebda storja ta' kreditu negattiva		{ALPHANUM-10000}
STSSY 57	Ir-riskju ta' nuqqas ta' pagament mhuwiex ogħla minn dak għal skoperturi mhux ta' titolizzazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSSY 58	Mill-inqas pagament wieħed magħmul fiż-żmien tal-inklużjoni tal-assi sottostanti		{ALPHANUM-1000}
STSSY 59	Konformità mar-rekwiżit tar-ritenzjoni tar-riskju		{ALPHANUM}
STSSY 60	Mitigazzjoni tar-riskji tar-rati tal-imgħax u tar-riskji tal-kambju		{ALPHANUM-1000}
STSSY 61	Kollateral ta' protezzjoni tal-kreditu u pagament ta' protezzjoni tal-kreditu denominati fl-istess munita		{ALPHANUM-1000}
STSSY 62	Obbligazzjonijiet tal-SSPE daqs jew inqas mill-introjtu tal-SSPE		{ALPHANUM-10000}
STSSY 63	L-ebda derivattiv ma jintuża ħlief għall-iħħeġġjar ta' mgħax jew riskji tal-kambju		{ALPHANUM-1000}
STSSY 64	L-użu ta' derivattivi bbażati fuq standards komuni		{ALPHANUM-10000}
STSSY 65	Pagamenti tal-imgħax referenzjati bbażati fuq rati tal-imgħax użati b'mod ġenerali mingħajr formuli jew derivattivi kumplessi		{ALPHANUM-10000}

STSSY 66	Avveniment ta' infurzar mingħajr preġudizzju għall-azzjoni ta' infurzar tal-investitur		{ALPHANUM-10000}
STSSY 67	Infurzar tal-ftehim dwar il-protezzjoni tal-kreditu — L-ebda ammont ta' flus kontanti ma għandu jinqabad fl-SSPE		{ALPHANUM-10000}
STSSY 68	Telf allokat fl-ordni ta' anzjanità		{ALPHANUM-10000}
STSSY 69	Amortizzament sekwenzjali		{ALPHANUM-10000}
STSSY 70	Prijorità mhux sekwenzjali tal-pagamenti		{ALPHANUM-10000}
STSSY 71	Skattaturi relatati mal-prestazzjoni		{ALPHANUM}
STSSY 72	Skattaturi relatati mal-prestazzjoni		{ALPHANUM}
STSSY 73	Skattaturi relatati mal-prestazzjoni		{ALPHANUM}
STSSY 74	Ammont ta' kollateral ugwali għall-ammont ta' segmenti li qed jiġu amortizzati		{ALPHANUM-10000}
STSSY 75	Seħħ event ta' kreditu u l-ammont ta' protezzjoni tal-kreditu disponibbli fi kwalunkwe data ta' pagament.		{ALPHANUM-10000}
STSSY 76	Dispożizzjonijiet jew skattaturi ta' amortizzament antiċipat — Kwalità tal-kreditu		{ALPHANUM-10000}
STSSY 77	Dispożizzjonijiet jew skattaturi ta' amortizzament antiċipat — Telf		{ALPHANUM-10000}
STSSY 78	Dispożizzjonijiet jew skattaturi ta' amortizzament antiċipat — Skoperturi ġodda		{ALPHANUM-10000}
STSSY 79	Obbligi kuntrattwali, dmirijiet u responsabbiltajiet — Servizzjant		{ALPHANUM-10000}
STSSY 80	Obbligi kuntrattwali, dmirijiet u responsabbiltajiet — Fiduċjarju		{ALPHANUM-10000}
STSSY 81	Obbligi kuntrattwali, dmirijiet u responsabbiltajiet — Aġent ta' verifika minn parti terza		{ALPHANUM-10000}
STSSY 82	Obbligi kuntrattwali, dmirijiet u responsabbiltajiet — Inadempjenza jew insolvenza		{ALPHANUM-10000}
STSSY 83	Obbligi kuntrattwali, dmirijiet u responsabbiltajiet — Proċeduri ta' servizzjar		{ALPHANUM-10000}
STSSY 84	Standards tas-Servizzjar		{ALPHANUM-10000}
STSSY 85	Għarfien espert meħtieġ mis-servizzjant		{ALPHANUM-1000}
STSSY 86	Politiki, proċeduri u kontrolli tal-ġestjoni tar-riskju ddokumentati tajjeb u adegwati fis-seħħ		{ALPHANUM-1000}
STSSY 87	Proċeduri ta' servizzjar tal-anqas stretti daqs dawk applikati għal skoperturi simili mhux titolizzati		{ALPHANUM-1000}
STSSY 88	Reġistru ta' referenza fis-seħħ		{ALPHANUM}
STSSY 89	Reġistru ta' referenza - Kontenut		{ALPHANUM-10000}
STSSY 90	Riżoluzzjoni f'waqtha ta' kunflitti bejn klassijiet differenti ta' investituri		{ALPHANUM-1000}

STSSY 91	SSPE — Id-drittijiet tal-vot definiti b'mod ċar		{ALPHANUM-1000}
STSSY 92	*Data* dwar Prestazzjonijiet Storiċi fir-rigward ta' Inadempjenzi u Telf		{ALPHANUM-1000}
STSSY 93	Kampjun tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għal verifika esterna		{ALPHANUM-1000}
STSSY 94	Disponibbiltà ta' mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet għal investituri potenzjali		{ALPHANUM-1000}
STSSY 95	Pubblikazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' skoperturi sottostanti magħmula minn self residenzjali jew self jew kiri tal-vetturi		{ALPHANUM-10000}
STSSY 96	Deroga mir-rekwiżit tal-pubblikazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' skoperturi sottostanti magħmula minn self residenzjali jew self jew kiri ta' karozzi		{ALPHANUM-10000}
STSSY97	L-oriġinatur responsabbli mill-konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/2402		{ALPHANUM-1000}
STSSY 98	Informazzjoni dwar l-Artikolu 7(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402 disponibbli għall-investituri potenzjali		{ALPHANUM-1000}
STSSY 99	Informazzjoni dwar l-Artikolu 7(1), il-punti (b), (c) u (d) tar-Regolament (UE) 2017/2402 disponibbli għall-investituri potenzjali mill-inqas f'forma ta' abbozz jew f'forma inizjali		{ALPHANUM-1000}
STSSY 100	Events ta' kreditu u użu ta' garanziji		{ALPHANUM-10000}
STSSY 101	Events ta' kreditu u użu ta' derivattivi ta' kreditu		{ALPHANUM-10000}
STSSY 102	Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Kreditu dokumentat		{ALPHANUM-10000}
STSSY 103	Il-miżuri ta' tolleranza ma jipprekludux l-iskattar ta' events ta' kreditu eliġibbli		{ALPHANUM-10000}
STSSY 104	Pagament ta' protezzjoni tal-kreditu bbażat fuq it-telf effettiv imġarrab u politiki u proċeduri ta' rkupru standard		{ALPHANUM-10000}
STSSY 105	Pagament ta' protezzjoni tal-kreditu pagabbli f'perjodu ta' żmien speċifikat		{ALPHANUM-10000}
STSSY 106	Pagament ta' protezzjoni tal-kreditu interim sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara event ta' kreditu		{ALPHANUM-10000}
STSSY 107	Pagament ta' protezzjoni tal-kreditu interim ogħla mill-ammont ta' telf mistenni applikabbli		{ALPHANUM-10000}
STSSY 108	Termini tal-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu interim		{ALPHANUM-10000}
STSSY 109	Metodu għall-kalkolu tal-pagamenti tal-protezzjoni tal-kreditu interim u finali		{ALPHANUM-10000}
STSSY 110	Pagament ta' protezzjoni tal-kreditu proporzjonali għas-sehem tal-ammont nominali pendenti		{ALPHANUM-10000}

STSSY 111	Eżegwibbiltà tal-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu interim		{ALPHANUM-10000}
STSSY 112	L-ammont pagabbli skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu lill-investituri huwa stabbilit fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.		{ALPHANUM-10000}
STSSY 113	Kalkolu tal-ammonti fiċ-ċirkostanzi kollha		{ALPHANUM-10000}
STSSY 114	Iċ-ċirkostanzi tal-pagamenti tal-investituri stabbiliti skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.		{ALPHANUM-10000}
STSSY 115	Il-valutazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-aġent ta' verifika ta' parti terza li jiskattaw il-pagamenti tal-investituri		{ALPHANUM-10000}
STSSY 116	Pagament ta' protezzjoni tal-kreditu kkalkulat fil-livell ta' skopertura sottostanti individwali.		{ALPHANUM-10000}
STSSY 117	Speċifikazzjoni tal-perjodu massimu ta' estensjoni għall-proċess tar-ristrutturar tad-dejn		{ALPHANUM-10000}
STSSY 118	Perjodu ta' estensjoni ta' inqas minn sentejn		{ALPHANUM-10000}
STSSY 119	Pagament ta' protezzjoni tal-kreditu finali bbażat fuq l-istima tal-aħħar telf tal-oriġinatur		{ALPHANUM-10000}
STSSY 120	It-terminazzjoni tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu		{ALPHANUM-10000}
STSSY 121	Primjums tal-protezzjoni tal-kreditu kontinġenti fuq l-ammont nominali pendenti		{ALPHANUM-10000}
STSSY 122	Ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li ma jistipulax mekkaniżmi li jistgħu jevitaw jew inaqqsu l-allokazzjoni attwali tat-telf lill-investituri		{ALPHANUM-10000}
STSSY 123	Deroga għall-pagamenti tal-primjum bil-quddiem		{ALPHANUM-10000}
STSSY 124	Deskrizzjoni tal-primjum tal-protezzjoni tal-kreditu fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni		{ALPHANUM-10000}
STSSY 125	Eżegwibbiltà tad-drittijiet tal-investitur		{ALPHANUM-10000}
STSSY 126	Ħatra ta' aġent ta' verifika ta' parti terza qabel id-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSSY 127	Kontroll tal-aġent tal-verifika minn parti terza — Avviż ta' event ta' kreditu speċifikat fit-termini tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu		{ALPHANUM-1000}
STSSY 128	Verifika tal-aġent tal-verifika ta' parti terza — Skopertura sottostanti inkluża fil-portafoll ta' referenza		{ALPHANUM-1000}
STSSY 129	Verifika tal-aġent ta' verifika ta' parti terza — Kriterji eliġibbli ssodisfati fiż-żmien tal-inklużjoni fil-portafoll ta' referenza		{ALPHANUM-1000}

STSSY 130	Kontroll tal-aġent ta' verifika ta' parti terza — Konformità mal-kundizzjonijiet tar-rikostituzzjoni		{{ALPHANUM-1000}
STSSY 131	Verifika tal-aġent ta' verifika ta' parti terza — Telf konsistenti mar-rapport tal-introjtu tal-oriġinatur		{ALPHANUM-1000}
STSSY 132	Verifika tal-aġent ta' verifika minn parti terza — Telf allokat b'mod korrett lill-investituri		{ALPHANUM-1000}
STSSY 133	Aġent ta' verifika ta' parti terza indipendenti mill-oriġinaturi, l-investituri u (fejn applikabbli) l-SSPE		{ALPHANUM-10000}
STSSY 134	Ħatra tal-aġent ta' verifika ta' parti terza sad-data tal-għeluq		{ALPHANUM-10000}
STSSY 135	Kontroll tal-aġent ta' verifika ta' parti terza magħmul fuq bażi ta' kampjun		{ALPHANUM-10000}
STSSY 136	Il-possibbiltà li l-investituri jirrikjedu li l-aġent ta' verifika ta' parti terza jivverifika kwalunkwe skopertura sottostanti		{ALPHANUM-10000}
STSSY 137	Il-possibbiltà li l-aġent ta' verifika ta' parti terza jkollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha		{ALPHANUM-10000}
STSS 138	Events ta' terminazzjoni		{ALPHANUM-10000}
STSS 139	Dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni — Drittijiet ta' call		{ALPHANUM-10000}
STSS 140	Dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni — Time call mhux strutturata biex jiġi evitat li t-telf jiġi allokat għal pożizzjonijiet ta' titjib fil-kreditu		{ALPHANUM-10000}
STSS 141	Time call		{ALPHANUM-10000}
STSS 142	Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu — Rendikont kollaterali lill-investituri fl-ordni tas-superjorità tas-segmenti		{ALPHANUM-10000}
STSS 143	Terminazzjoni tat-tranżazzjoni mill-investituri meta jonqsu milli jħallsu l-primjum tal-protezzjoni tal-kreditu		{ALPHANUM-10000}
STSSY 144	Ammont ta' marġni pożittiv sintetiku għall-investituri speċifikat fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni u espress bħala perċentwal fiss tal-bilanċ tal-portafoll pendenti totali		{ALPHANUM-10000}
STSSY 145	Marġni pożittiv sintetiku mhux użat li għandu jiġi rritornat lill-oriġinatur		{ALPHANUM-10000}
STSSY 146	Oriġinaturi li jużaw approċċ ibbażat fuq il-klassifikazzjoni interna — Ammont totali impenjat fis-sena mhux ogħla mill-ammonti regolatorji ta' telf mistenni fuq sena		{ALPHANUM-10000}
STSSY 147	Oriġinaturi li ma jużawx kalkolu fuq approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni — kalkolu tat-telf mistenni ta' sena tal-portafoll sottostanti jiġi ddeterminat b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni		{ALPHANUM-10000}

STSSY 148	Kundizzjonijiet sintetiċi tal-marġni pożittiv stabbiliti fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni		{ALPHANUM-10000}
STSS 149	Tintuża protezzjoni tal-kreditu		{ALPHANUM-10000}
STSSY 150	Eżegwibbiltà tad-dritt tal-oriġinatur li juża l-kollateral biex jissodisfa l-obbligi ta' pagament ta' protezzjoni tal-investituri permezz ta' arranġamenti kollaterali xierqa		{ALPHANUM}
STSSY 151	Id-dritt tal-investituri li jirċievu kwalunkwe kollateral mhux użat meta t-titolizzazzjoni tersaq lejn tmiemha jew meta s-segmenti jamortizzaw		{ALPHANUM-10000}
STSSY 152	Kollateral investit f'titoli — Kriterji ta' eliġibbiltà u arranġament ta' kustodja speċifikat fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni		{ALPHANUM}
STSSY 153	Investituri esposti għar-riskju tal-kreditu tal-oriġinatur		{ALPHANUM-10000}
STSSY 154	Opinjoni legali li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-protezzjoni tal-kreditu fil-ġurisdizzjonijiet kollha		{ALPHANUM-1000}
STSSY 155	Kollateral ta' kwalità - titoli ta' dejn b'piż tar-riskju ta' 0 %		{ALPHANUM-10000}
STSSY 156	Kollateral ta' kwalità għolja — flus kontanti ma' istituzzjoni ta' kreditu terza bi kwalità kreditizja ta' grad 3 jew ogħla		{ALPHANUM-10000}
STSSY 157	Deroga — kollateral fil-forma ta' flus kontanti depożitati mal-oriġinatur		{ALPHANUM}
STSSY 158	Kollateral f'forma ta' flus kontanti fuq depożitu mal-oriġinatur - permess tal-awtorità kompetenti		{ALPHANUM}
STSSY 159	Trasferiment ta' kollateral fejn istituzzjoni ta' kreditu jew oriġinatur terz ma jibqax jissodisfa grad minima tal-kwalità kreditizja		{ALPHANUM}
STSSY 160	Konformità mar-rekwiżiti tal-kollateral fil-każ ta' investimenti f'noti marbuta ma' kreditu maħruġa mill-oriġinatur		{ALPHANUM-1000}"